MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2014

Rikors Numru. 390/1992/1

(1) Avukat Philip **ATTARD MONTALTO** u Anthony Sant Fournier bħala Diretturi f'isem is-soċjeta' ***B. Tagliaferro & Sons Limited***; (2) Avukat Philip Attard Montalto f'ismu proprju u b'degriet tal-10 ta' Mejju 2005, l-atti għaddew f'isem Patricia Agius Vadala', Edward Attard Montalto, Victoria Grech u Deborah Attard Montalto stante l-mewt ta' l-Avukat Philip Attard Montalto fil-mori tal-kawża; (3) Perit Austin Attard Montalto; (4) Paul Attard Montalto; (5) Reno Attard Montalto; (6) Kontessa Gladys Sant Fournier; (7) Peter Cilia La Corte, u b'degriet tal-1 ta' Lulju, 2008 l-atti għaddew f'isem John Cilia La Corte minħabba l-mewt fil-mori tal-kawża ta' Peter Cilia La Corte, u b'degriet tat-18 ta' Lulju, 2012, l-atti għaddew f'isem Mark u Paul, aħwa Cilia La Corte, wara l-mewt ta' missierhom John Cilia La Corte fil-mori tal-kawża; (8) George Darmanin u b'degriet tal-25 ta' Novembru, 2008, l-atti għaddew f'isem Helen mart Anthony Schranz, Sister Margaret u Valerie mart Fredrick Galea, aħwa Darmanin, stante l-mewt ta' missierhom George Darmanin kif ukoll l-mewt ta'

ommhom Maria Violetta *sive* Vally Darmanin fil-mori tal-kawża; (9) Hilda Debrincat, u b'degriet tad-9 ta' Lulju, 2008, l-atti għaddew f'isem Mario Tabone wara l-mewt ta' Hilda Debrincat fil-mori tal-kawża; (10) Constance Eden armla ta' Rodney Eden, u b'degriet tas-17 ta' Marzu, 2009, l-atti għaddew f'isem Richard u martu Elizabeth Micallef, u f'isem uliedhom Amanda mart Anthony Brennan u James, aħwa Micallef, minħabba l-mewt fil-mori tal-kawża ta' Constance Victoria Eden; (11) May Micallef armla tal-Kurunell Harold Micallef, u b'degriet tal-10 ta' Diċembru, 2008, l-atti għaddew f'isem Richard Micallef u martu Elizabeth Micallef, u f'isem uliedhom Amanda mart Anthony Brennan u James, aħwa Micallef, minħabba l-mewt fil-mori tal-kawża ta' Mary Octavia *sive* May Micallef; (12) Logotenent Kurunell Joseph Augustine Sammut, u b'degriet tal-1 ta' Ġunju, 2009 l-atti għaddew f'isem Richard u martu Elizabeth Micallef u uliedhom Amanda mart Anthony Brennan u James, aħwa Micallef, minħabba l-mewt fil-mori tal-kawża ta' Joseph Augustine Sammut; (13) Dr. Henri Anthony Ferrante Darbois, u b'degriet tal-11 ta' Ġunju, 2010, l-atti għaddew f'isem martu Minka Ferrante Darbois u wliedu Marinka, Anna *sive* Annie, Nadine *sive* Ferdinanda mart Concetto Giovanni Merola u Tanya mart Joseph Cassar, aħwa Ferrante Darbois, stante l-mewt ta' Henri Anthony Ferrante Darbois fil-mori tal-kawża; (14) Francis Terence Gera; (15) Alfred Bryan Gera; (16) Logotenant Kurunell Gerald Micallef Eynaud, u b'degriet tas-16 ta' Lulju, 2008, l-atti għaddew f'isem bintu Gabrielle Anne mart il-Perit Arkitett William Carbonaro minħabba l-mewt ta' Gerald Micallef Eynaud fil-mori tal-kawża; (17) Anthony Miceli Farrugia, u b'degriet tal-15 ta' Settembru, 2008, l-atti għaddew f'isem martu Lilian, u f'isem Erminia magħrufa bħala Mimici mart Francis Vassallo, Mark Anthony, Helene mart Ivor Zammit, Marina mart Mark Hogg, Alberto u Francesca Warr, aħwa Miceli Farruġia, minħabba l-mewt fil-mori tal-kawża ta' Anthony Miceli Farrugia; (18) Edgar Montanaro Gauci, u b'degriet tal-15 ta' Settembru, 2008, l-atti għaddew f'isem Margaret Pace u Joyce Soukas minħabba l-mewt fil-mori tal-kawża ta' Edgar Montanaro Gauci; (19) George Sclivagnotis; (20) Pascal Stivala, u b'degriet tat-2 ta' Diċembru, 2008, l-atti

għaddew f'isem Rose, Anthony Vincent, Adrian John, u Alice Borg Olivier, aħwa Stivala, u Karen Camilleri minħabba l-mewt fil-mori tal-kawża ta' Pascal Stivala; (21) Alexander Tabone, u b'degriet tal-25 ta' Novembru, 2008 l-atti għaddewf'isem Joseph Bondi u martu Mary Bondi minħabba l-mewt fil-mori tal-kawża ta' Alexander Tabone; (22) Anthony Joseph Tabone, u b'degriet tad-9 ta' Lulju, 2008, l-atti għaddew f'isem Mario, Millie Rita Lachnert u Mary Rose Rostkowski, aħwa Tabone, wara l-mewt ta' Anthony Joseph Tabone fil-mori tal-kawża; (23) Joseph Vella Bonavita; (24) Peter Dacoutros u Grace Pace bħala diretturi u f'isem is-soċjeta' ***Dacoutros Investments Limited***; (25) Albert Paul Mamo bħala direttur u f'isem is-soċjeta' ***Galdes & Mamo Limited*** u b'degriet tas-16 ta' Lulju, 2008 l-isem *Galdes & Mamo Ltd.* inbidel għal *Galdes & Mamo (Trading) Ltd. (C450)*; (26) James Gustav Gollcher f'ismu propju u bħala *aventi causa* tal-mejjet Erik William Gollcher, kif ukoll bħala direttur u f'isem is-soċjeta' ***O.F. Gollcher & Sons Limited*** u bħala amministratur, f'isem Erica Zarb McKeon mart Roland Zarb McKeon, Marianne Galea Naudi u Peteranne Minter mart Graham Minter, aħwa Scott, assenti minn dawn il-Gżejjer, ilkoll bħala *aventi causa* tal-mejta Helga Scott; (27) Wilfred Karl Gollcher f'ismu proprju u bħala *aventi causa* tal-mejjet Erik William Gollcher, u b'degriet tad-9 ta' Lulju, 2008, l-atti għaddew f'isem Karl Marius Gollcher, Mark Frederik Gollcher, Karin Maria mart il-Perit Arkitett Martin Xuereb, Erika Sandra mart Marin Ħili, Erica mart Roland Peter Żarb McKeon, Marianne Galea Naudi u Peteranne mart Graham Leslie Minter, u dan wara l-mewt ta' Wilfred Karl Gollcher fil-mori tal-kawża; (28) Maġġur John Bartolomew Arrigo f'ismu proprju, u b'degriet tas-17 ta' Marzu, 2009, l-atti għaddew f'isem martu Claire Arrigo bħala użufruttwarja u f'isem uliedhom James u Philippa Mattei, aħwa Arrigo, minħabba l-mewt ta' John Bartolomew Arrigo fil-mori tal-kawża, u l-istess Maġġur John Bartolomew Arrigo flimkien ma' James Anthony Arrigo, bħala Diretturi u f'isem is-soċjeta' ***Joseph Arrigo Ltd.***; (29) Christopher Cassar Torreggiani bħala direttur u f'isem is-soċjeta' *Cassar Company Limited*, u b'degriet tal-10 ta' Diċembru, 2008, isem il-kumpannija sar jaqra ***Cassar Torreggiani Holdings Ltd. (C29670)***; (30) John Ellul Sullivan bħala

direttur u f'isem is-soċjeta' ***Tug and Lighter Services Limited***; (31) Olga Cauchi, u b'degriet tal-1 ta' Lulju 2008, l-atti għaddew f'isem Emily mart Reginald Spiteri, Maria mart l-Ispiżjar Joe Bondi, Victor u Thomas, aħwa Cauchi, minħabba l-mori tal-kawża ta' Olga Maria Cauchi; (32) Paul Asciak, u b'degriet tal-10 ta' Diċembru, 2008, l-atti għaddew f'isem martu Josephine Asciak u f'isem Carmel, Michael, Marie Therese Camenzuli u Anthony, aħwa Asciak, minħabba l-mewt ta' Paul Asciak fil-mori tal-kawża; Joseph Asciak, Mary armla ta' Guido Callus, Agnes mart Joseph Galea u l-istess Joseph Galea bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, u b'degriet tad-29 ta' Awwissu, 2008, l-atti għaddew f'isem Agnes Galea minħabba l-mewt ta' żewġha Joseph Galea; Albert Asciak, Carmel Asciak, u b'degriet tal-1 ta' Lulju, 2008 l-atti għaddew f'isem Emmanuel *sive* Noel Asciak minħabba l-mewt fil-mori tal-kawża ta' Carmel Asciak; u Bernardette Asciak, lkoll *aventi causa* tal-mejjet Emmanuel Asciak; (33) Yolanda Demajo armla ta' Michael Demajo, u b'degriet tat-2 ta' Diċembru, 2008, l-atti għaddew f'isem l-Imħallef Albert Manche' bħala użufruttwarju ta' martu Jane u wliedu Alberta Aquilina Manche' mart Alexander Aquilina, Veronica mart Alfred Borg u John Manche', kif ukoll Lilian Attard, Helen Miceli, Mary Balzan, Ronald Demajo, Claire Balzan, Joseph Demajo, Joseph Debono bħala użufruttwarju ta' martu Pauline u wlied il-mejta Pauline Debono li huma Daniel, Marie Therese Sammut u Martin, aħwa Debono, minħabba l-mewt ta' Yolanda Demajo fil-mori tal-kawża; u Helen Miceli armla ta' Joseph Miceli, Richard Mario Demajo, Liliana *sive* Lilly Attard mart Reginald u l-istess Reginald Attard bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, u b'degriet tas-16 ta' Lulju, 2008, l-atti għaddew f'isem martu Liliana *sive* Lilly Attard minħabba l-mewt ta' Reginald Attard fil-mori tal-kawża; Joseph Marie Demajo u Jane Manche mart l-Onorevoli Imħallef Albert Manche', u b'degriet tal-1 ta' Lulju 2008, l-atti għaddew f'isem l-Onorevoli Imħallef Albert Manche' u wliedu Alberta Aquilina Manche' mart Alexander Aquilina, Veronica mart Alfred Borg u John Manche', minħabba l-mewt fil-mori tal-kawża ta' Jane Manche', u l-istess Albert Manche' bħala

kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu; Claire Balzan mart Louis u l-istess Louis Balzan bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, Mary Balzan mart Victor u l-istess Victor Balzan bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, u b'degriet tas-16 ta' Lulju 2008, l-atti għaddew f'isem Mary Balzan minħabba l-mewt ta' Victor Balzan fil-mori tal-kawża; u Pauline Debono mart Joseph, u b'degriet tal-15 ta' Settembru, 2008 l-atti għaddew f'isem f'isem Joseph Debono u wliedu Daniel, Marie-Therese *sive* Marie mart Raymond Sammut u Martin, aħwa Debono, minħabba l-mewt ta' Pauline Debono fil-mori tal-kawża; ilkoll aħwa Demajo wlied il-mejjet Michel Demajo u *aventi causa* tiegħu; (34) Joseph Gauci bħala *aventi causa* tal-mejtin John Baptist Francia, Lady Blanche Francia Mifsud, Lola Francia u William Nathaniel Francia kif ukoll bħala *aventi causa* tad-ditta ***Messrs Giuseppe Buttigieg e Figli***; (35) Maġistrat Joseph Apap Bologna, Louis Apap Bologna, Kavallier James Gustav Gollcher, Wilfred Karl Gollcher, Helma Attard mart il-Kurunell William Attard u l-istess William Attard bħala kap tal-kommunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu u Marchesina Wilfreda Apap Bologna armla tal-Marchesino Philip Apap Bologna, ilkoll *aventi causa* tal-mejjet Kavallier Frederick Gollcher; (36) Marion Castillo bħala prokuratriċi f'isem Winefriede Gouder u Lily Gouder u għall-interess tagħhom proprju u bħala *aventi causa* tal-mejta Maria Elvira Gouder; (37) In-Nobbli Eileen Busietta, Maria Attard Montalto mart l-Avukat Philip Attard Montalto u l-istess Av. Philip Attard Montalto bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, in-Nobbli Anthony Sant Fournier u l-Konti Alfred Sant Fournier, u b'degriet tal-1 ta' Lulju, 2008, l-atti għaddew f'isem Gladys armla tal-imsemmi Alfred Sant Fournier bħala użufruttwarja u Stephen, Simon, Sean, Sandra, Silvana mart Matthew Sultana u Sarah mart Mark Psaila, aħwa Sant Fournier, minħabba l-mewt ta' Alfred Sant Fournier fil-mori tal-kawża u lkoll *aventi causa* tiegħu; (38) Noel Schembri, Henry Schembri, Paul Schembri, Stephanie Farrugia mart Anthony Farrugia u l-istess Anthony Farrugia bħala kap tal-kommunjoni tal-

akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, Myriam Borg Cardona mart David u l-istess David Borg Cardona bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, lkoll *aventi causa* tal-mejjet Agostino Schembri; (39) Giovanna Rosa Schembri armla ta' John Schembri, l-Avukat Dottor Joseph Anton Schembri u Anton Louis Schembri**,** ilkoll *aventi causa* tal-mejjet John Schembri, u b'degriet tat-18 ta' Settembru, 2008, l-atti għaddew f'isem l-Avukat Joseph Anton Schembri u Anton Louis Schembri minħabba l-mewt ta' ommhom Giovanna Rosa Schembri fil-mori tal-kawża; (40) Nobbli Corinne Ramsey armla ta' Robert Ramsey, u b'degriet tat-23 ta' Lulju, 2008 l-atti għaddew f'isem it-tifla Marie Christianne Ramsey mart Umberto Pergola, minħabba l-mewt ta' Corinne Ramsey fil-mori tal-kawża; u Nobbli Mignon Marshall armla ta' Alan Marshall, f'isimhom propju u bħala *aventi causa* tal-mejjet Nobbli Patrick Scicluna; (41) Mary Ullo, Josephine Ullo u Elizabeth Zammit German, mart Arthur u l-istess Arthur Zammit German bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, u b'degriet tal-15 ta' Settembru, 2008, l-atti għaddew f'isem Elizabeth Zammit German minħabba l-mewt ta' Arthur Zammit German; ilkoll *aventi causa* tal-mejtin Edward u Evangeline Ullo; (42) Antoine Bianchi, u b'degriet tad-9 ta' Lulju, 2008, l-atti għaddew f'isem Yolanda Nathalie *sive* Nathalie mart l-istess Antoine Bianchi, Nicholas, Andre' u Annemarie mart Anton Tabone, aħwa Bianchi, wara l-mewt ta' Antoine Bianchi fil-mori tal-kawża, u b'degriet tal-11 ta' Novembru, 2010, l-atti għaddew f'isem Nicholas, Andre', u Annemarie mart Anton Tabone, aħwa Bianchi, wara l-mewt ta' ommhom Yolande Nathalie *sive* Nathalie Bianchi fil-mori tal-kawża; (43) Hugh Sant Fournier, u b'degriet tad-29 t'Awwissu 2008, l-atti għaddew f'isem iż-żewġ uliedu Robert Sant Fournier u Michelle Corinne Minter minħabba l-mewt ta' missierhom u minħabba li martu Gwendolyn Lorraine Sant Fournier irrinunzjat għall-wirt; (44) Adrian Busietta; (45) John Ellul Sullivan bħala Direttur f'isem is-soċjeta' ***J.B. Sorotto Limited***; (46) Professur George Edward Camilleri, Walter Charles Camilleri, u Helen Felice mart Anton Felice, ilkoll bħala *aventi causa* ta' Victor Tancred Camilleri; (47) Helen Vella

armla minn Louis Vella, Michael u Anna Demajo, aħwa Vella, bħala *avanti causa* ta' Louis Vella, u b'degriet tas-16 ta' Lulju 2008, l-atti għaddew f'isem Anna Demajo u Michael, aħwa Vella, minħabba l-mewt ta' Elena *sive* Helen Vella fil-mori tal-kawża; (48) Anne Demajo bħala prokuratriċi f'isem Mona Bruce li hi msiefra minn dawn il-Gżejjer bħala *aventi causa* tal-mejjet Maġġur Charles Vella; u (49) b'degriet tat-tmienja ta' Marzu, 1993, Wilfreda Apap Bologna ġiet awtorizzata tintervjeni *in statu et terminis*, u b'degriet tal-11 ta' Novembru, 2010, l-atti għaddew f'isem Louis Apap Bologna wara l-mewt ta' ommu Wilfrida Apap Bologna fil-mori tal-kawża

vs

**L-ONOREVOLI PRIM MINISTRU TA' MALTA**, l-Ministru tal-Finanzi u Dwana u Maurice Abela, Denis Degiorgio u Antonio Tagliaferro bħala komponenti, dawn l-aħħar tlieta, tal-Kunsill tal-Amministrazzjoni tan-*National Bank of Malta Limited* u 'in rappreżentanza tal-istess'[1]; u b'degriet tal-15 ta' Diċembru 1992, l-Avukat Mark Chetcuti u l-Prokuratriċi Legali Carmen Depasquale nħatru Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Maurice Abela; u b'degriet tal-10 ta' Novembru, 2010, l-Avukat Patrick Valentino nħatar Kuratur Deputat minflok l-Avukat Mark Chetcuti li nħatar imħallef

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-30 ta' Settembru, 1992, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra r-rikorrenti, bħala l-azzjonisti tan-*National Bank of Malta Limited*, talbu li din il-Qorti (1) ssib li l-aġir tal-Gvern fil-konfront tagħhom meta kienu mġiegħla jittrasferixxu l-ishma tagħhom fl-imsemmi Bank lill-Gvern bla ma ngħataw ħlas jew kumpens, u meta, permezz tal-Kunsill ta' Amministrazzjoni maħtur

[1] Kliem miżjuda b'degriet tal-15 ta' Jannar, 1993

minnu, l-Gvern ittrasferixxa l-assi kollha li kellu l-istess Bank lil Bank of Valletta Limited, jikser id-drittijiet fundamenali tagħhom kif imħarsa fl-artikoli 37 u 42 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni"); u (ii) tagħtihom ir-rimedji kollha li jidhrilha meħtieġa u xierqa;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi fis-7 ta' Ottubru, 1992, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li l-Ministu intimat tħarrek ħażin u trid issir il-korrezzjoni relativa, li t-titoli nobbiljari m'għadhomx aktar magħrufa f'Malta u jridu jitħassru kull fejn jissemmew tul ir-rikors promotur, u li kull waħda mir-rikorrenti li hija mara miżżewġa għandha s-setgħa li tmexxi l-ġid parafernali tagħha waħedha u għalhekk żwieġhom m'għandhomx posthom fil-kawża u l-intimati jmisshom jinħelsu milli jibqgħu fil-ġudizzju fil-konfront tal-imsemmija Reginald Attard, l-Imħallef Albert Manche', Louis Balzan, Victor Balzan, l-Avukat Philip Attard Montalto, Anthony Farruġia, u David Borġ Cardona safejn dawn qegħdin jidhru f'din il-kawża bħala amministraturi tal-ġid parafernali tar-rispettivi nisa tagħhom. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li ma kienx minnu li wħud mir-rikorrenti kienu ttrasferew l-ishma tagħhom lill-Gvern billi dan seta' sar mill-awturi tagħhom u għalhekk talbu lir-rikorrenti jiċċaraw ir-rikors f'dan ir-rigward. Żiedu jiċħdu li la seħħ ksur tal-jedd tar-rikorrenti għall-assoċjazzjoni u lanqas għall-jedd fuq ħwejjiġhom. Tennew li meta nfetħet din il-kawża kienu diġa' għaddew tmintax-il (18) sena jew aktar minn meta seħħew il-ġrajja li r-rikorrenti jilmintaw minnhom, u jekk kemm-il darba kien minnu li l-kunsens tar-rikorrenti jew l-aventi kawża tagħhom kien vizzjat b'xi pressjoni kontra l-liġi, huma jmisshom inqdew b'rimedju taħt il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (liema rimedju huma ħadu meta fetħu kawża quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili), u għalhekk stiednu lill-Qorti li tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' l-kawża għall-finijiet tal-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Kuraturi Deputati Avukat Mark Chetcuti u Prokuratriċi Legali Carmen Depasquale,

maħtura biex jidhru għall-intimat Maurice Abela, fit-12 ta' Jannar, 1993, li biha qalu li ma kinux edotti mill-fatti tal-kawża u żammew sħiħ il-jedd tagħhom li jirrispondu ulterjorment u jressqu l-provi fil-waqt xieraq;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-25 ta' Ottubru, 1993[2], li bih l-avukat difensur tar-rikorrenti talab li l-provi mressqin fl-atti tal-kawża miftuħa quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili b'rabta mat-trasferiment tal-ishma tal-Bank[3] ikunu jgħoddu wkoll għal din il-kawża;

Rat in-Nota ta' Astensjoni mressqa mill-Onorevoli Imħallef Alberto Magri fis-27 ta' April, 1994[4];

Rat in-Nota ta' Astensjoni mressqa mill-Onorevoli Mħallef Albert Manche' fit-2 ta' Mejju, 1994[5];

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-27 ta' Jannar, 1995[6], li bih ħatret lill-Avukat Marse-Anne Farruġia bħala perit legali biex tkompli tisma' x-xhieda tal-partijiet f'din il-kawża;

Rat il-provvediment tagħha (diversament presjeduta) tal-10 ta' April, 1997[7], li bih ipprovdiet dwar talba magħmula mir-rikorrenti b'rikors tagħhom tas-26 ta' Marzu, 1996, dwar tressiq ta' provi dokumentali meħtieġa fil-każ tagħhom;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) li bih ħatret lil Joseph Żammit Tabona bħala espert komputista biex jgħin lill-perit legali fit-twettiq tal-ħatra tagħha, liema ħatra tħassret b'degriet *contrario imperio* mogħti fis-6 ta' Ġunju, 1997[8], li bih inħatar Alfred Lupi bħala perit komputista sostitut, u liema ħatra nbidlet mill-ġdid bis-saħħa ta' degriet ieħor tat-28 ta' April, 1998[9], li bih inħatar

[2] Paġ. 67 tal-proċess
[3] Ċitazz. Nru. 282/77AJM (li s-sentenza tagħha fil-mertu qiegħda tingħata llum ukoll)
[4] Paġ. 97 tal-proċess
[5] Paġ. 100 tal-proċess
[6] Paġ. 145 tal-proċess
[7] Paġġ. 216A – 216B tal-proċess
[8] Paġ. 228 tal-proċess
[9] Paġ. 239 tal-proċess

Anthony *sive* Tonio Żarb bħala perit komputista sostitut, bl-istess setgħat;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-7 ta' Awissu, 1998[10], li bih u fuq talba magħmula mill-periti ġudizzjarji b'rikors tagħhom tal-20 ta' Lulju, 1998, ħatret lill-*accountants* Noel Mizzi, Charles Żammit, Clifford Cauchi, Jeffrey Borġ u Lauren Galea biex jgħinu lill-perit komputista fit-twettiq tal-ħatra tiegħu, filwaqt li b'rikors ieħor tat-13 ta' Ġunju, 2001[11] l-periti ġudizzjarji talbu l-ħatra ta' Melvin Bonniċi, liema talba ntlaqgħet b'degriet tal-15 ta' Ġunju, 2001[12];

Rat ix-xhieda mressqa mir-rikorrenti quddiem il-perit legali, magħduda dik bil-mezz tal-affidavit, u kif ukoll il-provi dokumentali prodotti miż-żewġ partijiet;

Rat ir-rapport imressaq mill-espert komputista fis-26 ta' Frar, 1999[13], u minnu maħluf kif imiss waqt is-smigħ tad-9 ta' Diċembru, 1999;

Rat in-Nota mressqa mill-intimat Onorevoli Prim Ministru fl-20 ta' Diċembru, 1999[14], li biha talab il-ħatra ta' periti addizzjonali;

Rat in-Nota mressqa mir-rikorrenti fl-14 ta' Frar, 2000[15], bil-mistoqsijiet li riedu jagħmlu f'eskussjoni lill-espert komputista;

Rat in-Nota mressqa mill-intimat Onorevoli Prim Ministru fis-7 ta' Marzu, 2000[16], bil-mistoqsijiet li ried jagħmel f'eskussjoni lill-espert komputista;

Rat ix-xhieda mogħtija mill-espert komputista Tonio Żarb waqt is-smigħ tat-28 ta' April, 2000[17], bi tweġiba għall-mistoqsijiet li sarulu f'eskussjoni mill-partijiet;

---

[10] Paġ. 247 tal-proċess
[11] Paġ. 354 tal-proċess
[12] Paġ. 355 tal-proċess
[13] Paġġ. 273 – 297 tal-proċess
[14] Paġ. 298 tal-proċess
[15] Paġġ. 299 – 301 tal-proċess
[16] Paġġ. 306 – 7 tal-proċess
[17] Paġġ. 310 – 5 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-11 ta' Mejju, 2001[18], li biha reġgħet ħatret lil Tonio Żarb bħala perit komputista biex jirrediġi rapport ulterjuri fid-dawl ta' dokumenti ġodda li ressqu r-rikorrenti wara li kien ressaq l-ewwel rapport tiegħu;

Rat ir-rapport addizzjonali mressaq mill-perit komputista fis-16 ta' Jannar, 2002[19], u minnu maħluf kif imiss waqt is-smigħ tas-16 ta' Jannar, 2003;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-21 ta' Jannar, 2005[20], li bih ordnat li, meħud b'qies il-mertu taż-żewġ kawżi kostituzzjonali u l-kawża miexja quddiemha f'ġurisdizzjoni ċivili, l-ewwel kella tinstama' u tinqata' din il-kawża;

Rat in-Nota mressqa mill-Onorevoli Mħallef Gino Camilleri fl-10 ta' Marzu, 2006[21], li biha astjena milli jkompli jisma' l-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Frar, 2007[22], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi biex tisma' x-xhieda tal-Avukat Mario Feliċe fil-jiem li kien jinsab hawn Malta għal żmien qasir;

Rat ix-xhieda mogħtija mill-Avukat Feliċe fl-eżami u fil-kontro-eżami f'seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju msemmija fil-5 ta' Marzu, 2007[23];

Semgħet ix-xhieda li tressqu mill-intimati;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-24 ta' Jannar, 2008[24], li biha iddikjaraw li ma kellhomx provi oħrajn x'iressqu f'dak l-istadju dwar il-kawżali tal-ksur tal-jeddijiet fundamentali u ħallew impreġudikata l-kwestjoni tar-rimedju jew tal-kumpens

[18] Paġ. 352 tal-proċess
[19] Paġġ. 365 sa 407 tal-proċess
[20] Paġ. 423 tal-proċess
[21] Paġ. 781 tal-proċess
[22] Paġ. 1434 tal-proċess
[23] Paġġ. 1417 sa 1432 tal-proċess
[24] Paġ. 1988 tal-proċess

talvolta dovut filwaqt li talbu li l-Qorti tawtorizza li t-trattazzjoni tal-każ dwar il-pretiż ksur ta' jeddijiet fundamentali jitħalla jsir bil-miktub;

Rat id-degriet tagħha ta' dak inhar fejn laqgħet it-talba tal-partijiet u tathom żmien biex iressqu n-Noti rispettivi tagħhom;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' April, 2009[25], li bih u fuq talba magħmula mir-rikorrenti b'rikors tagħhom tas-27 ta' Marzu, 2009, tawlet iż-żmien li fih kellhom iressqu s-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom, liema data reġgħet ittawlet b'degriet tat-23 ta' Ġunju, 2009[26], wara talba magħmula mir-rikorrenti waqt is-smigħ ta' dak inhar u mill-ġdid b'degriet ieħor tal-21 ta' Ottubru, 2009[27], wara talba magħmula f'dak is-sens mir-rikorrenti b'rikors imressaq fit-28 ta' Settembru, 2009;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrenti fit-30 ta' Novembru, 2009[28];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa fit-3 ta' Mejju, 2010[29], mill-intimati bi tweġiba għal dik tar-rikorrenti;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Mejju, 2010[30], li bih u fuq talba magħmula mill-avukati difensuri tar-rikorrenti waqt l-istess smigħ, tat lir-rikorrenti l-fakulta' li jressqu replika għall-imsemmija nota ta' sottomissjonijiet;

Rat ir-Replika mressqa mir-rikorrenti fis-7 ta' Lulju, 2010[31], għas-sottomissjonijiet tal-intimati;

Rat il-Kontro-Replika mressqa mill-intimati fit-22 ta' Lulju, 2010[32];

---

[25] Paġ. 2427 tal-proċess
[26] Paġ. 2448 tal-proċess
[27] Paġ. 2451 tal-proċess
[28] Paġġ. 2452 sa 2519 tal-proċess
[29] Paġġ. 2521 sa 2543 tal-proċess
[30] Paġ. 2545 tal-proċess
[31] Paġġ. 2563 sa 2586 tal-proċess
[32] Paġġ. 2588 sa 2595 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Lulju, 2010 li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza, liema degriet kellu jinbidel *contrario imperio* sakemm tkun ingħatat is-sentenza dwar l-eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni mqajma f'Ġunju tal-2010 fl-atti tal-kawża numru 282/77 li kienet miexja flimkien ma' din;

Rat id-degriet tas-26 ta' Marzu, 2013[33], li bih reġgħet ħalliet il-kawża għas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża u kif ukoll taż-żewġ kawżi l-oħrajn li kienu qegħdin jinstemgħu flimkien magħha;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali. Ir-rikorrenti jgħidu li huma ġarrbu ksur tal-jeddijiet tagħhom kif imħarsin bil-Kostituzzjoni kemm taħt l-artikolu 37 (ħarsien minn teħid ta' proprjeta' mingħajr ebda kumpens) u kif ukoll taħt l-artikolu 42 (ħarsien tal-liberta' ta' għaqda u assoċjazzjoni). Ir-rikorrenti ma ressqux ilment dwar xi ksur ta' xi jedd tagħhom taħt il-Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;

Illi għal din l-azzjoni, l-intimati Onorevoli Prim'Ministru u Ministru tal-Finanzi laqgħu, billi, b'mod preliminari, qalu li l-Ministru intimat tħarrek ħażin u trid issir il-korrezzjoni relativa, li t-titoli nobbiljari m'għadhomx aktar magħrufa f'Malta u jridu jitħassru kull fejn jissemmew tul ir-rikors promotur, u li kull waħda mir-rikorrenti li hija mara miżżewġa għandha s-setgħa li tmexxi l-ġid parafernali tagħha waħedha u għalhekk żwieġhom m'għandhomx posthom fil-kawża u l-intimati jmisshom jinħelsu milli jibqgħu fil-ġudizzju fil-konfront tal-imsemmija Reginald Attard, l-Imħallef Albert Manche', Louis Balzan, Victor Balzan, l-Avukat Philip Attard Montalto, Anthony Farruġia, u David Borġ Cardona safejn dawn qegħdin jidhru f'din il-

[33] Paġ 2634 tal-proċess

kawża bħala amministraturi tal-ġid parafernali tar-rispettivi nisa tagħhom. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li ma kienx minnu li wħud mir-rikorrenti kienu ttrasferew l-ishma tagħhom lill-Gvern billi dan seta’ sar mill-awturi tagħhom u għalhekk talbu lir-rikorrenti jiċċaraw ir-rikors f’dan ir-rigward. Żiedu jiċħdu li la seħħ ksur tal-jedd tar-rikorrenti għall-assoċjazzjoni u lanqas għall-jedd fuq ħwejjiġhom. Tennew li meta nfetħet din il-kawża kienu diġa’ għaddew tmintax-il (18) sena jew aktar minn meta seħħew il-ġrajja li r-rikorrenti jilmintaw minnhom, u jekk kemm-il darba kien minnu li l-kunsens tar-rikorrenti jew l-aventi kawża tagħhom kien vizzjat b’xi pressjoni kontra l-liġi, huma jmisshom inqdew b’rimedju taħt il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (liema rimedju huma ħadu meta fetħu kawża quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili), u għalhekk stiednu lill-Qorti li tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma’ l-kawża għall-finijiet tal-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-ewwel parti tat-talba tar-rikorrenti, u jiġifieri dwar jekk huwiex minnu li r-rikorrenti ġarrbu ksur ta’ xi wieħed miż-żewġ jeddijiet fundamentali msemmijin minnhom fir-rikors promotur. Tibqa’ impreġudikata t-tieni parti tal-imsemmija talba dwar ir-rimedju li jmisshom jingħataw, skond kif din il-Qorti sejra tiddeċiedi l-ewwel parti tat-talba;

Illi mill-atti voluminużi ta’ din il-kawża joħorġu l-fatti rilevanti li sejrin jissemmew. Ir-rikorrenti kienu lkoll f’xi żmien azzjonisti fin-National Bank of Malta Limited (aktar ’il quddiem imsejjaħ “il-Bank” jew “NBM”);

Illi b’seħħ minn l-aħħar jiem ta’ Novembru tal-1973, għadd kbir ta’ persuni li kellhom depożiti fil-Bank kienu bdew jiġbdu l-flus tagħhom. Fis-sitta (6) ta’ Diċembru, 1973, deher li minn żewġ fergħat partikolari tal-Bank kienu qegħdin jinġibdu mid-depożitanti ammonti mhux tas-soltu[34]. Kulma jmur, din ix-xejra bdiet titqawwa sa ma fil-11 ta’ Diċembru, 1973, nġibdet somma kbira u d-diretturi tal-Bank bdew jitħassbu tassew dwar dak li kien qed jiġri,

[34] Xhieda ta’ P.L. Henry Micallef 5.5.1986, f’paġ. 160 tal-atti tal-kawża 282/77JRM

minħabba li l-ġbid konsistenti ta' flus min-naħa tad-depożitanti tal-Bank kien waqqa' l-likwidita' tiegħu għal livell aktar baxx minn dak mitlub mil-liġi[35]. Fil-fatt kien hemm "*run*" fuq il-Bank u dan kien sar fatt magħruf mill-pubbliku u lill-Gvern, li jidher li saħansitra hedded li jiġbed mill-Bank id-depożiti f'isem xi kumpanniji parastatali[36]. Lejliet, l-azzjonisti kienu iffirmaw dikjarazzjoni li biha qablu li jgħaddu l-assi tal-bank lill-Gvern ta' Malta;

Illi sadattant bejn is-sebgħa (7) ta' Diċembru[37] u l-għaxra (10) ta' Diċembru, 1973[38], kienu saru laqgħat bejn it-tmexxija tal-Bank u l-Gvern, bis-sehem tal-Gvernatur tal-Bank Ċentrali, l-Avukat Ġenerali u xi ministri tal-Kabinett. Matul dawn il-laqgħat, it-tmexxija tal-Bank talbet lill-Gvern biex iħallihom iduru għall-għajnuna ta' banek barranin korrispondenti tal-istess Bank jew għall-intervent tal-Bank Ċentrali biex jaċċetta l-assi tal-istess Bank, li kienu "mhux faċilment realiżżabbli"[39], bħala garanzija biex il-bank ikun f'qagħda li jiġġieled il-kriżi li dak il-ħin kien għaddej minnha. Il-Prim Ministru ta direttivi lill-Bank Ċentrali biex jaġixxi biex jirfed lill-Bank jekk ikun awtorizzat mill-Ministru, u ta lit-tmexxija tal-Bank żmien qasir biex jikkonvinċu lil minn tal-anqas żewġ-terzi ($^{2}/_{3}$) tal-azzjonisti biex iċedu l-ishma tagħhom favur il-Gvern, qabel ma jersaq quddiem il-Parlament biex jgħaddi malajr liġi li kienet diġa' mfassla;

Illi fil-11 ta' Diċembru, 1973, inżammet laqgħa oħra tal-Bord tad-Diretturi tal-Bank li għaddiet riżoluzzjoni biex jgħaddu l-Bank lill-Gvern u ħatru tlieta min-nies – is-Sur Louis Vella (*Chairman* tal-Bank), l-Avukat Philip Attard Montalto u l-Maġġur Austin Cassar Torreggiani – biex jidhru għall-Bank fuq l-atti kollha meħtieġa tat-trasferiment[40];

Illi l-Bank waqqaf in-negozju tiegħu fit-12 ta' Diċembru, 1973, u dak inhar kienet irtirata l-liċenza biex jissokta

---

[35] Xhieda ta' Antoine Tagliaferro 29.8.1990, f'paġ. 328 tal-atti tal-kawża 282/77JRM
[36] Xhieda tal-P.L. Joseph Żammit 27.3.1992, f'paġ. 404 tal-atti tal-kawża 282/77JRM
[37] Minuti tal-laqgha f'paġġ. 1005 – 6 tal-proċess
[38] Minuti f'paġġ. 1007 – 9 tal-proċess
[39] Xhieda ta' Edgar Montanaro Gauċi 3.10.1990, f'paġ. 378 tal-atti tal-kawża 282/77JRM
[40] Notamenti Dr. R.A. Staines, f'paġġ. 1848 – 9 tal-proċess

jaħdem[41]. Id-diretturi tal-Bank ġew mgħarrfa bl-irtirar tal-liċenza mill-Pulizija matul il-lejl fis-sigħat bikrin ta' dak inhar;

Illi fit-12 ta' Diċembru, 1973[42], wkoll, xi azzjonisti ressqu talba b'rikors quddiem il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja (dak iż-żmien kienet għadha magħrufa bħala s-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili) biex jitħallew jivvotaw biex jgħaddu sehemhom fil-Bank lill-Gvern bla ebda konsiderazzjoni. Wara li semgħet ħames (5) xhieda[43], dik il-Qorti laqgħet it-talba b'degriet mogħti dak inhar stess[44];

Illi waqt is-Seduta tal-Kamra tad-Deputati li ssejħet aktar tard dakinhar, għadda mill-fażijiet kollha u bi qbil taż-żewġ naħat tal-Kamra l-Att tal-1973 biex Jipprovdi Temporanjament dwar in-National Bank u l-Bank ta' Tagliaferro[45] li bis-saħħa tiegħu, fost l-oħrajn, twaqqaf il-Kunsill tal-Amministrazzjoni li kellu jieħu f'idejh it-tmexxija tal-Bank. Il-Gvernatur-Ġenerali ta l-kunsens tiegħu għall-imsemmi Att dakinhar;

Illi l-għada, l-Bank beda jitħaddem (b'operazzjonijiet limitati) mill-imsemmi Kunsill ta' Amministrazzjoni, u li l-għan tiegħu kien li jieħu ħsieb l-assi u d-djun tal-Bank, isalva l-impieg tal-ħaddiema tiegħu u jħares il-likwidita' bil-ħsieb li jħares id-depożiti li kienu saru miegħu mid-depożitanti[46]. Il-Kunsill kien magħmul minn tlieta min-nies – u jiġifieri minn Maurice Abela, bħala *Chairman*, Dennis Degiorgio u Antoine Tagliaferro, li kien u baqa' jaqdi d-dmirijiet ta' *assistant manager* tal-Bank[47];

Illi bejn is-26 ta' Diċembru, 1973 u nofs Frar tal-1974, dawk mir-rikorrenti li kellhom ishma fin-NBM kienu għaddewhom lill-Gvern bla ebda ħlas[48]. Mhux l-azzjonisti kollha għażlu li jaċċettaw li jittrasferixxu l-ishma tagħhom;

---

[41] Xhieda ta' James Gollcher 30.10.1990 f'paġ. 395 tal-atti tal-kawża 282/77JRM
[42] Paġ. 1399 tal-proċess
[43] Ara kopja tat-traskrizzjoni tax-xhieda f'paġġ. 1402 – 6 tal-proċess
[44] Kopja tad-degriet f'paġġ. 1400 – 1 tal-proċess
[45] Att XLV tal-1973
[46] Xhieda ta' Antoine Tagliaferro 31.7.1990, f'paġ. 323 tal-atti tal-kawża 282/77JRM
[47] *Ibid*., f'paġ. 324 tal-atti tal-kawża 282/77JRM
[48] Dok "ECD3", konsistenti f'reġistru b'fotokopji ta' kull waħda mill-kitbiet ta' trasferiment tal-ishma (mhux enumerat)

Illi fit-3 ta’ Jannar, 1974, issejħet laqgħa għall-azzjonisti tal-Bank fis-sede tal-Kamra tal-Kummerċ li matulha uffiċjali tiegħu għarrfuhom bil-qagħda. Min indirizza l-laqgħa ssuġġerixxa li l-azzjonisti li kienu għadhom ma assenjawx l-ishma tagħhom lill-Gvern jagħmlu dan, għalkemm ma kienx qiegħed jobbliga lil ħadd jagħmel hekk[49];

Illi sadanittant, issoktaw l-isforzi biex jinġabru kemm firem setgħu mingħand l-azzjonisti tal-Bank. Dawn l-isforzi tmexxew l-aktar minn uffiċjali tal-Bank u wkoll minn impjegati. Saru sforzi wkoll, fuq struzzjoniijiet maħruġa mill-Uffiċċju tal-Prim’Ministru, biex jinġabru firem ta’ azzjonisti li kienu jgħixu barra minn Malta, b’kuntatti minn ambaxxati ta’ Malta fi bliet barranin[50];

Illi fl-1 ta’ Frar, 1974, il-Kamra tad-Deputati għaddiet mill-fażijiet kollha l-Att IX tal-1974 li jemenda l-Att XLV tal-1973;

Illi fit-22 ta’ Marzu, 1974, sar ftehim li bih l-assi u d-djun tal-Bank għaddew minn fuq isem il-Bank għal fuq isem bank ġdid li twaqqaf b’dan il-għan (Bank of Valletta Limited). Dan sar wara li l-Gvern kien diġa’ kiseb iżjed minn tnejn minn kull tlieta ($^2/_3$) tal-ishma tal-Bank[51]. It-trasferiment seħħ bis-saħħa ta’ att nutarili tat-22 ta’ Marzu, 1974, fl-atti tan-Nutar Dottor Maurice Gambin u kellu jidħol fis-seħħ jumejn wara;

Illi f’Lulju tal-1974[52], wara rakkomandazzjoni li saret f’dan is-sens mill-Bank Ċentrali ftit jiem qabel[53], il-Ministru li fid-dikasteru tiegħu kienu jaqgħu l-banek kummerċjali dak iż-żmien, ħassar il-liċenzi tal-Bank u kif ukoll ta’ Tagliaferro Bank Limited;

Illi b’ittra uffiċjali mressqa fis-17 ta’ Diċembru, 1975[54], l-azzjonisti tal-Bank interpellaw lill-Prim Ministru, lill-Ministru

---

[49] Dok “Ċ”, f’paġ. 503 tal-atti tal-kawża 282/77JRM
[50] Xhieda ta’ Carmel John Mallia 24.3.1995, f’paġġ. 1460 – 2 tal-proċess
[51] Xhieda ta’ Dennis Degiorgio 24.9.1990, f’paġġ. 337 – 8 tal-atti tal-kawża 282/77JRM
[52] Dok f’paġ. 1020 tal-proċess
[53] Dok f’paġ. 1017 tal-proċess
[54] Dok “EAM1”, f’paġ. 767 tal-atti tal-kawża 282/77JRM

tal-Finanzi u lill-membri tal-kunsill ta' Tmexxija li twaqqaf b'liġi ħalli jmexxi lill-Bank biex "jirripristinaw li stat ta fatt esistenti qabel ma saru l-imsemmija trasferimenti invalidi bir-restituzzjoni lill-mittenti tax-*shares*, bid-drittijiet kollha tagħhom";

Illi xi ftit taż-żmien wara f'Ġunju tal-1976[55], twaqqfet kumpannija kummerċjali bl-isem ta' NBM Investments Limited. Azzjonisti tal-Bank kisbu ishma fl-imsemmija kumpannija (minn issa 'l quddiem imsejħa "NBMI") billi assenjaw lilha l-jeddijiet litiġjużi (jiġifieri t-talba tagħhom u l-jedd ta' azzjoni biex jitolbu t-tħassir tat-trasferiment li huma għamlu tal-ishma li kellhom fil-Bank lill-Gvern ta' Malta) rispettivi tagħhom. Din l-assenjazzjoni saret għall-konsiderazzjoni ta' mitt (100) sehem ordinarju fl-istess NBMI għal kull sehem ordinarju li kull wieħed u waħda miċ-ċedenti kellhom fil-Bank qabel ma assenjawhom lill-Gvern f'Jannar tal-1974. Dawk l-istess azzjonisti huma fost ir-rikorrenti f'din il-kawża;

Illi b'ittra uffiċjali mressqa fit-18 ta' Awissu, 1976[56], kontra l-imħarrkin, NBMI irriferiet għall-ittra uffiċjali li ntbagħtet mill-istess azzjonisti f'Diċembru tas-sena ta' qabel u tenniet l-istess talbiet. Fis-16 ta' Settembru, 1976, NBMI fetħet kawża ghat-tħassir u rexxissjoni ta' erba' kitbiet minn fost bosta li saru minn azzjonisti biex jgħaddu l-ishma tagħhom lill-Gvern[57];

Illi din il-kawża nfetħet fit-30 ta' Settembru tal-1992;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-ilmenti tar-rikorrenti</u> l-Qorti tqis li huwa xieraq u meħtieġ li ssemmi li din il-kawża ilha tterraq quddiem il-Qrati għal madwar tnejn u għoxrin (22) sena. Infetħet ftit anqas minn tmintax-il (18) sena wara li seħħew il-ġrajja li minnhom ir-rikorrenti jilmentaw li ġarrbu l-ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom. Din il-kawża nbdiet sittax-il (16) sena wara li NBMI kienet fetħet kawża quddiem il-Qrati ta' ġurisdizzjoni "ordinarja" biex jitħassru

[55] Affidavit ta' Adrian Busietta § 120, f'paġ. 141 tal-proċess
[56] Dok "EAM2", f'paġ. 772 tal-atti tal-kawża 282/77JRM
[57] Ċitazz. Nru. 282/77 (li s-sentenza tagħha qiegħda tingħata llum ukoll)

erba' kitbiet ta' assenjazzjoni ta' ishma tal-Bank b'xejn lill-Gvern. Minħabba degriet li kien ingħata f'din il-kawża u l-mod kif din il-kawża (u oħra b'ilment kostituzzjonali li kienet ukoll miexja ma' din il-kawża) kienet qiegħda ssegwi l-ewwel kawża, ġara li l-ġbir tal-provi segwa triq imwegħra li fiha provi bdew jitressqu f'kawża u mbagħad kopji tagħhom bdew jitqiegħdu fl-atti tal-kawżi l-oħrajn. Ġara wkoll li l-istess provi (b'mod partikolari xhieda mismugħa mill-perit legali jew xhieda b'affidavit) iddaħħlu fl-atti tat-tliet kawżi, imma wkoll aktar minn darba fl-atti tal-istess kawża[58]. F'waqt minnhom kienet il-Qorti li, wara talba li saritilha mir-rikorrenti, awtorizzat li l-atti tal-kawża jitqiegħdu f'ordni u ssir ir-rinumerazzjoni tal-paġni tal-atti kollha proċesswali;

Illi wara li kienu tressqu żewġ rapporti mill-espert komputista, r-rikorrenti iddikjaraw li temmew iressqu l-provi tagħhom fit-8 ta' Lulju, 2005[59], ftit anqas minn tlettax-il (13) sena wara li kienu fetħu l-kawża. Minbarra dan kollu, bosta mid-dokumenti mressqin mir-rikorrenti jew mix-xhieda msejħin minnhom baqgħu f'idejn il-perit legali sakemm kienet qiegħda twettaq il-ħatra tagħha u minħabba f'hekk l-atti proċesswali tabilfors ibatu min-nuqqas ta' segwenza kronoloġika li tagħmilha ħaġa iebsa ħafna biex issegwi b'ħeffa dak li seħħ waqt li l-kawża kienet qiegħda tinstama'. Minħabba l-fatt li din il-kawża għaddiet minn taħt iżjed minn imħallef wieħed li kien qiegħed jismagħha, kien hemm ukoll każi fejn degrieti mogħtijin ma kinux jaqblu ma' provvedimenti ta' qabilhom u dawn ukoll taw sehem biex is-smigħ tal-kawża sar kif sar. Kien hemm ukoll rikjami mill-Qorti (diversament presjeduta) li widdbet lir-rikorrenti għan-nuqqas ta' interess li kienu qegħdin juru f'xi waqtiet tal-kawża[60];

Illi wieħed jifhem ukoll li l-kwestjoni li dwarha nfetħet din il-kawża ma kinitx waħda sempliċi u mill-atti wieħed jista' jara kemm it-tressiq ta' provi u ż-żamma ta' dokumenti ġabet fuq ir-rikorrenti sforz kbir għat-tiftix tal-provi jew għat-tressiq tagħhom minn min kienu ġew f'idejh reġistri u

---

[58] Ara, b'eżempju, l-affidavit bix-xhieda ta' Joseph Rizzo (23.10.2000) u tal-Prof. Joseph M. Ganado (26.10.2000), f'paġġ. 355Q – 355S u 1568 – 1570 u 355BK – 355BN u 1561 – 4 rispettivament
[59] Paġ. 758 tal-proċess
[60] Verbal tas-smigħ tal-14.7.1999, f'paġ. 266 tal-proċess

dokumenti meħtieġa biex ir-rikorrenti jippruvaw il-każ tagħhom u biex l-espert komputista jwettaq aħjar il-ħatra tiegħu;

Illi kien f'din il-qagħda li l-atti tal-kawża kienu assenjati lil din il-Qorti kif issa presjeduta. F'dak l-istadju, l-intimati kienu għadhom iressqu l-provi tagħhom. Il-perit legali wkoll ma waslitx biex tirrelata dwar ir-riżultanzi tal-provi kollha li kienet semgħet. Kemm hu hekk, f'xi żmien fl-2006 hija talbet li tinħeles mill-ħatra mogħtija lilha, liema talba ntlaqgħet minn din il-Qorti b'degriet tagħha tas-16 ta' Jannar, 2007, li ordnat lill-istess perit legali tgħaddi lura lill-Qorti d-dokumenti kollha u l-inkartament tas-seduti li hija kienet laħqet żammet sa dak inhar[61];

Illi meta, mbagħad, il-ġbir tal-provi ngħalaq u l-Qorti kienet irregolat il-mod kif kellha ssir it-trattazzjoni tal-egħluq, f'Ġunju tal-2010 tqajmet eċċezzjoni ulterjuri dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni attriċi fl-ewwel kawża, u din ġabet mill-ġdid it-twaqqif tal-mixi 'l quddiem ta' din il-kawża sakemm dik il-kwestjoni tkun – kif fil-fatt kienet – meqjusa u deċiża[62];

Illi hemm ukoll żewġ aspetti legali li tajjeb li jissemmew mill-bidu. L-ewwel waħda hi li r-rikorrenti jibnu l-ilmenti tagħhom ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali biss fuq dispożizzjonijiet – l-artikoli 37 u 42 – tal-Kostituzzjoni: ma ressqux talbiet ta' sejbien dwar ksur ta' jeddijiet imħarsa mill-Konvenzjoni[63]. F'dan ir-rigward, l-intimati jiġbdu l-attenzjoni tal-Qorti[64] għall-fatt li r-rikorrenti daħlu fi studju u trattazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni meta l-ebda lment tal-ksur ta' xi wieħed minn dawk id-dispożizzjonijiet ma joħroġ mit-talbiet tagħhom fir-rikors promotur. Il-Qorti tqis li s-sottomissjoni tal-intimati hija tajba. Il-Qorti tista' tqis u tiddeċiedi biss skond dak mitlub. Ta' min jgħid li l-azzjoni tar-rikorrenti nbdiet fl-1992 u dak iż-żmien il-Konvenzjoni kienet tagħmel parti mil-liġi f'Malta bis-saħħa tal-Att XIV tal-1987 (Kap 319 tal-Liġijiet ta'

[61] Paġ. 1415 tal-proċess
[62] B'sentenza mogħtija fil-15 ta' Ottubru, 2012
[63] Minkejja dan, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom xorta waħda ressqu argumenti dwar l-artikoli korrispondenti tal-Konvenzjoni.
[64] Ara Nota ta' Sottomissjoni tagħhom f'paġġ. 2524 – 7 tal-proċess

Malta) u jista' jkun li minħabba li l-ġrajja li dwarhom ir-rikorrenti fetħu din il-kawża jmorru lura għas-snin 1973 – 1974, id-dispożizzjonijiet tal-Att XIV tal-1987 ma jgħoddux għall-każ tagħhom *ratione temporis*[65]. Għalhekk it-tħollija barra min-naħa tar-rikorrent ta' lment dwar ksur ta' dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni qed jitqies bħala għażla konxja min-naħa tagħhom[66]. Madankollu, dan ma jfissirx li, biex tqis jekk huwiex minnu li r-rikorrenti tassew ġarrbu ksur ta' xi wieħed mill-artikoli msemmija tal-Kostituzzjoni, din il-Qorti ma għandhiex jew ma jmisshiex tqis ukoll it-tifsiriet li ngħataw l-imsemmija artikoli mill-qrati tagħna wkoll fid-dawl tat-tifsir tal-artikoli korrispondenti tal-Konvenzjoni;

Illi t-tieni konsiderazzjoni hi li l-Qorti tagħraf li l-biċċa l-kbira mir-rikorrenti oriġinali f'din il-kawża kienu persuni li kienu assenjaw il-jeddijiet litiġjużi marbuta mal-ġrajja tal-każ lill-kumpannija NBMI. Minħabba li l-att tal-assenjazzjoni ta' tali jeddijiet baqa' ma tressaqx, il-Qorti qiegħda tqis li, għal dak li huwa prettament l-ilment tal-ksur tal-jeddijiet fundamentali pretiż, ir-rikorrenti żammew sħaħ il-jeddijiet tagħhom minkejja dik iċ-ċessjoni u għalhekk huma lkoll attivament leġittimati biex imexxu 'l quddiem din il-kawża u li l-interess ġuridiku tagħhom (jew ta' dawk li assumew l-atti tal-kawża minflokhom) baqa' sħiħ u bla mittiefes matul il-fażijiet kollha tal-kawża;

Illi issa li saru dawn l-osservazzjonijiet preliminari, imma meħtieġa, l-Qorti sejra tqis it-talbiet tar-rikorrenti fid-dawl tal-eċċezzjonijiet imressqa. F'dan ir-rigward, sejra tqis l-ewwel xi wħud mill-eċċezzjonijiet preliminari mqanqlin mill-intimati billi dawn ma jippreżentawx diffikulta' biex il-Qorti tista' tgħaddi biex tikkunsidra l-qofol tal-kwestjoni. Il-Qorti jkollha tqishom għaliex l-intimati baqgħu ma irtirawhom qatt tul iż-żmien li l-kawża kienet tinstema';

Illi l-**ewwel erba' eċċezzjonijiet** preliminari huma fis-sura ta' sejħa għall-attenzjoni biex isiru bidliet fl-atti tal-kawża. L-ewwel waħda titkellem dwar li l-Ministru intimat tħarrek

---

[65] Ara art. 7 tal-Att XIV tal-1987

[66] Dan ukoll jidher imfisser mir-rikorrenti nfushom fir-Replika mressqa minnhom (ara paġ. 2572 tal-proċess)

taħt isem ħażin; it-tieni dwar it-tismija ta' titoli ta' nobbilta' f'uħud mir-rikorrenti; it-tielet waħda titkellem dwar dawk minn fost ir-rikorrenti li jidhru fl-atti tal-kawża bħala amministraturi tal-ġid parafernali ta' marthom rikorrenti; filwaqt li r-raba' waħda titkellem dwar dawn li fl-atti tal-kawża qegħdin indikati li qegħdin jidhru bħala aventi kawża ta' xi ħadd iehor.  Dawn l-eċċezzjonijiet ma huma tal-ebda xkiel la għas-siwi tal-kawża u lanqas għall-integrita' tal-ġudizzju meħtieġ biex is-sentenza tkun tgħodd.  Filwaqt li, fil-każ tal-ewwel, it-tieni u r-raba' eċċezzjonijiet preliminari l-liġi tippermetti l-bidla taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 175(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fil-każ tat-tielet eċċezzjoni ġara li, minħabba ż-żmien li din il-kawża ilha miexja, bosta mir-rikorrenti saru partijiet fil-kawża b'jedd bħala l-aventi kawża ta' marthom minħabba l-mewt fil-mori tal-kawża jew kienu huma stess li mietu u daħlu oħrajn minflokhom. Dawn il-bidliet fl-atti tal-kawża seħħew, fi żmien jew f'ieħor, bis-saħħa tad-degrieti li ngħataw fuq talbiet għat-trasfużjoni tal-ġudizzju f'isem qraba, istituzzjonijiet jew werrieta. Għalhekk, jidher li ma hemmx x'wieħed jgħid aktar dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet;

Illi dwar **il-ħames eċċezzjoni** jrid jingħad li l-intimati qegħdin jgħidu li ma huwiex minnu li kull wieħed u kull waħda mir-rikorrenti f'din il-kawża kienu assenjaw l-ishma li kellhom fil-Bank lill-Gvern.  B'dan il-mod, l-intimati donnhom qegħdin jimplikaw li hemm uħud mir-rikorrenti li ma għandhomx leġittimazzjoni attiva jew saħansitra interess ġuridiku biex iressqu 'l quddiem l-ilment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali.  Minbarra li l-intimati baqgħu ma ressqu l-ebda sottomissjoni dwar din l-eċċezzjoni, kien jaqa' fuqhom il-piż li juru liema, minn fost ir-rikorrenti, ma kienx għadda l-ishma tiegħu lill-Gvern u baqa' jżommhom għandu.  Iżjed minn hekk, din l-eċċezzjoni ma tolqot bl-ebda mod la lil dawk minn fost ir-rikorrenti li tabilħaqq għaddew l-ishma tagħhom lill-Gvern u wisq anqas is-siwi tal-ilment innifsu li huwa l-qofol tal-azzjoni li tressqet f'din il-kawża.  Il-Qorti hija tal-fehma li mqar kieku r-rikors tressaq minn wieħed biss mir-rikorrenti li għadda l-ishma tiegħu lill-Gvern, is-siwi tal-istħarriġ li din il-Qorti trid tagħmel fil-kawża kien ikun l-istess.  Il-kawża titkellem

dwar allegat ksur ta' jedd fundamentali li ġarrab kull wieħed u kull waħda mir-rikorrenti u għalhekk ma jistax jingħad li ħadd mir-rikorrenti m'għandu leġittimazzjoni attiva biex din il-kawża setgħet tibqa' titmexxa 'l quddiem u l-mertu tal-azzjoni jkun mistħarreġ kif imiss;

Illi għalhekk, din l-eċċezzjoni mhijiex tajba u mhux sejra tintlaqa';

Illi **s-seba' eċċezzjoni** – wara li ssemmi li kienu għaddew tmintax-il sena mill-ġrajja u għalhekk il-memorja tar-rikorrenti setgħet iddgħajfet – tistieden lill-Qorti biex tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha taħt il-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni minħabba li r-rikorrenti kellhom rimedji ordinarji x'jieħdu jekk jidhrilhom li t-trasferiment tal-ishma tagħhom kien milqut b'xi vizzju tar-rieda tagħhom. Il-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni qatt ma kienet trattata u wisq anqas mistħarrġa mill-imħallfin li l-kawża kienet qiegħda tinstema' quddiemhom qabel għaddiet għand il-Qorti kif issa presjeduta. Hawn ukoll, l-intimati ma ressqu l-ebda sottomissjoni fir-rigward. Din il-Qorti ssib li kemm miċ-ċirkostanzi tal-każ u kif ukoll mill-għamla ta' azzjoni mressqa, mhuwiex il-każ li tagħżel li ma tismax il-kawża għar-raġuni msemmija mill-intimati. Fl-ewwel lok, ta' min jgħid li l-kawża li tfittex ir-rimedju "ordinarju" kienet infetħet f'isem ir-rikorrenti sittax-il (16) sena qabel ma nfetħet din il-kawża tallum, u baqgħet timxi ma' din il-kawża b'rieda tal-partijiet infushom u bis-saħħa ta' digrieti u provvedimenti mogħtija minn min kien jippresjiedi. Fit-tieni lok, kif joħroġ mis-sentenza nnifisha li qiegħda tingħata llum ukoll fil-kawża "ordinarja", ir-rimedju mogħti lir-rikorrenti f'din il-kawża ma setax jingħata lilhom fil-kawża "ordinarja". Fit-tielet lok, il-fatt waħdu li din il-kawża baqgħet titmexxa fuq is-smigħ u t-trattazzjoni tal-ilment fil-mertu juri li l-Qorti diġa' għażlet li twettaq is-setgħat tagħha u mhux li tastjeni minnhom;

Illi għalhekk din l-eċċezzjoni mhix sejra tintlaqa' lanqas;

Illi **s-sitt eċċezzjoni** hija l-eċċezzjoni fil-mertu u sejra titqies hekk kif il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tistħarreġ is-siwi tal-ilmenti tar-rikorrenti dwar il-ksur tal-jeddijiet

fundamentali allegati minnhom taħt iż-żewġ artikoli tal-Kostituzzjoni minnhom individwati;

Illi **għal dak li jirrigwarda l-ilment dwar ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** r-rikorrenti jibnu l-każ tagħhom fuq il-fatt li t-trasferiment min-naħa tagħhom tal-ishma li huma kellhom fil-Bank kien jammonta għal teħid ta' ħwejjiġhom bla ma ngħataw kumpens xieraq. Huma jgħidu li t-teħid kien wieħed imġiegħel u ġab miegħu ċ-ċaħda tat-tgawdija tal-valur tal-ishma u tal-assi li kellu l-Bank sa dak inhar li huma iffirmaw il-kitba tal-assenjazzjoni b'xejn favur il-Gvern;

Illi l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jrid li "*(1) Ebda proprjeta' ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjeta' ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm dispożizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist – (a) għall-ħlas ta' kumpens xieraq; (b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjeta' u l-ammont ta' kull kumpens li għalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta' dak il-kumpens; u (ċ) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta' appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti tal-Appell f'Malta. ....*";

Illi s-sub-artikolu (2) tal-istess artikolu jislet sensiela ta' ċirkostanzi li, minkejja li fihom jittieħed il-pussess jew l-akkwist ta' proprjeta', ma jitqisux bħala għemejjel li jsiru bi ksur tal-jedd imħares fis-sub-artikolu (1) fuq imsemmi. Is-sub-artikolu (4) mbagħad jipprovdi li "*Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tiftiehem li tolqot l-egħmil jew ħdim ta' xi liġi għat-teħid ta' pussess obbligatorju fl-interess pubbliku ta' xi proprjeta', jew l-akkwist obbligatorju fl-interess pubbliku u ta' xi interess fi jew dritt fuq proprjeta', meta dik il-proprjeta', interess jew dritt huwa miżmum minn għaqda korporata li hija mwaqqfa għal skopijiet pubbliċi minn xi liġi u li fiha ebda flejjes ma ġew investiti barra minn flejjes provduti minn xi leġislatura f'Malta*";

Illi d-dispożizzjonijiet tal-artikolu tal-Kostituzzjoni jidher li jitkellmu dwar it-**teħid** ta' pussess ta' ħaġa – tkun ta' liema sura tkun, kemm mobbli u kif ukoll immobbli – b'mod obbligatorju, u mhux dwar xi għamla oħra ta' tnaqqis tal-istess pussess[67]. Madankollu, t-tifsir mogħti mill-ġurisprudenza stabilita tal-qrati Maltin hija fis-sens li t-teħid *de facto* ta' ġid tagħti lok għal ċaħda ta' pussess meqjus ukoll bħala ksur tal-jedd għat-tgawdija tal-proprjeta' għall-finijiet ta' l-imsemmi artikolu tal-Kostituzzjoni, u jitlob ukoll li jkun hemm ħlas ta' kumpens xieraq[68]. Kif ingħad f'dan ir-rigward u bi tqabbil mal-ħarsien li jagħti l-artikolu relattiv taħt il-Konvenzjoni, dan ifisser li biex ikun hemm tneħħija jew privazzjoni tal-proprjeta' jeħtieġ jintwera li din tkun seħħet b'effett dirett ta' xi għamil tal-istat u li ma jkunx biżżejjed li jkun hemm indħil jew ċaħda tad-dritt tad-dgawdija paċifika tal-istess proprjeta' bħala rifless ta' għamil bħal dak[69]. Minbarra dan, ikun seħħ ksur tal-artikolu 37 jekk kemm-il darba t-teħid tal-pussess ma jkunx akkumpanjat bi ħlas ta' kumpens xieraq u jekk dak it-teħid ma jkunx imħares b'liġi u l-persuna li tippretendi kumpens għal teħid bħal dak ma jkollhiex rimedju quddiem qorti, ukoll b'jedd ta' appell;

Illi r-rikorrenti jgħidu li bil-fatt li huma ntalbu jċedu l-ishma tagħhom lill-Gvern bla ma ngħataw kumpens, u minkejja r-rieda tagħhom, huma ġarrbu ksur tal-imsemmi artikolu tal-Kostituzzjoni għaliex il-Gvern ħadilhom minn idejhom l-assi u l-ġid tal-Bank bla ma ħallashom tiegħu u mbagħad għadda dawk l-istess assi w ġid lil terzi (Bank of Valletta). Huma jżidu jgħidu li, minkejja li l-ishma ma tteħdux b'esproprjazzjoni formali, xorta waħda ttieħed il-pussess tagħhom mingħandhom u ta' dan it-teħid il-Gvern naqas li jagħti kumpens xieraq. Ir-rikorrenti jisħqu li ċ-ċessjoni tal-ishma tagħhom kienet imġiegħla u, f'kull każ, żgur mhux waħda volontarja min-naħa tagħhom;

Illi, fis-sottomissjonijiet tagħhom, ir-rikorrenti jressqu t-teżi li t-teħid tal-ishma kien parti minn tfassila tal-Gvern ta' dak

---

[67] Ara Kost. **1.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Curmi noe et vs L-Onor. Prim Ministru noe et***
[68] Ara Kost. **30.4.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Mintoff et vs Onor. Prim Ministru*** (Kollez. Vol: **LXXX.i.206**)
[69] Kost. **30.11.2001**fil-kawża fl-ismijiet ***Galea et vs Briffa et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.540**)

iż-żmien li jieħu taħt idejh "dominanza assoluta ... fis-settur ekonomiku" li kienet tinvolvi ndħil f'kull qasam tal-ekonomija, sal-kontroll tal-prezzijiet tal-anqas ħaġa li wieħed ried jixtri[70]. Jimplikaw li dak li għadda minnu l-Bank kien maħsub, imfassal u orkestrat mill-Gvern biex jieħu l-Bank taħt idejh[71]. Intuża kliem iebes ukoll dwar il-proċess kollu li wassal għat-teħid tal-ishma, li ġie mfisser bħala "stupru legali"[72]. Tressqu xiehda biex juru li, mqar meta l-assi tal-Bank għaddew għand Bank of Valletta, baqgħu jittieħdu miżuri biex kumpanniji ta' azzjonisti tan-NBM baqgħet issirilhom persekuzzjoni u baqgħu jingħataw trattament iebes li sata' kien il-kaġun li wassalhom għar-rovina finanzjarja[73];

Illi huma jżidu jgħidu li saħansitra l-liġi li għaddiet b'ħeffa mill-Parlament ma kenitx liġi li tippreskrivi rimedju għat-teħid tal-ishma u tal-assi tal-bank, imma waħda mgħoddija *ad hoc* li kienet tirratifika l-passi amministrativi meħuda biex titneħħa kull setgħa li l-azzjonisti kellhom u biex tingħata x-xeħta tal-legalita' f'dak kollu li sar;

Illi l-Qorti temmen li l-istħarriġ tal-ilment tar-rikorrenti tista' u trid tagħmlu b'mod spassjonat u b'teħid kont biss tal-provi li joħorġu mill-atti proċesswali u mit-tifsir tal-prinċipji legali li jolqtu l-każ. Dan tista' u sejra tagħmlu lil hinn minn stħarriġ politiku-storiku jew idejoloġiku li dan il-każ inevitabilment iqanqal miegħu kull darba li tissemma l-kwestjoni, u iżjed u iżjed mill-istħarriġ tal-motivi ulterjuri li wieħed jista' jistħajjel u jeskoġita. Ir-rikorrenti, f'biċċa l-kbira mis-sottomissjonijiet tagħhom, ħassew li kellhom jidħlu f'livell bħal dan ta' argument biex iwasslu sal-port il-każ tagħhom. Ma kellhomx għalfejn. Lil din il-Qorti dak l-atteġġament la għenha u lanqas biddlilha l-konvinċiment tagħha li tasal għall-fehma li sejra tasal għaliha. Il-ġudizzju ta' din il-Qorti hija fehma legali u mhux ġudizzju politiku marbut mal-personaġġi li kienu mdaħħla f'dawk il-ġrajja. Irid, madankollu, jingħad li dak li ġara – għallanqas fuq livell politiku ta' dak iż-żmien – kien sar b'fehma

---

[70] Nota ta' Sottomissjonijiet, f'paġġ. 2462 – 3 tal-proċess
[71] Affidavit ta' Adrian Busietta § 108, f'paġ. 139 tal-proċess
[72] Xhieda ta' Henry Micallef 27.5.1999, f'paġ. 1510 tal-proċess
[73] Affidavit tal-Prof. Joseph M. Ganado 3.10.2000 u 26.10.2000 u ta' Joseph Rizzo 23.10,2000, f'paġġ. 1544 – 8, 1561 – 4 u 1568 – 1570 tal-proċess

unanimi tal-forzi politiċi kollha fl-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż. Għalkemm għadda bosta żmien minn dawk il-ġrajja u minkejja s-suċċessjoni ta' bosta amministrazzjonijiet fit-tmexxija tal-pajjiż ta' fehmiet politiċi differenti, il-każ jidher li xorta waħda baqa' sallum irid is-soluzzjoni tiegħu mill-Qrati u ma wasalx għal soluzzjoni milħuqa minn rieda politika. Għalhekk, huma biss kriterji ta' dritt li din il-Qorti trid toqgħod fuqhom u timxi magħhom biex tasal għall-fehma tagħha dwar il-pożizzjoni tal-partijiet f'din il-kawża;

Illi l-Qorti tibda billi ssib li ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-ishma li r-rikorrenti kellhom fil-Bank jaqgħu tabilħaqq taħt it-tifsira ta' "proprjeta'" kif maħsuba fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Lanqas ma għandu jkun hemm dubju li ċ-ċessjoni ta' dawk l-ishma wassal biex l-azzjonisti tneżżgħu mill-pussess mhux biss tal-ishma (bħala ċertifikat jew titolu), imma wkoll ta' kull setgħa, jedd jew ġid li għalihom dawk l-ishma kienu jintitolaw lil kull azzjonist tal-Bank. Il-Qorti hija tal-fehma li, minkejja li l-ishma seta' ma kellhomx valur kummerċjali fiż-żmien li saru ċ-ċessjonijiet minħabba l-qagħda li l-Bank kien sab ruħu fiha, madankollu ħadd ma jista' jiċħad li l-Bank, f'dak l-istess żmien, kellu assi ta' ċerta konsistenza. Ta' min jgħid li dawk l-istess assi ngħataw lill-bank il-ġdid li nħalaq f'Marzu tal-1974 (Bank of Valletta) u dan inqeda bihom u, f'xi każijiet, għadu jinqeda bihom sallum;

Illi l-Qorti tqis li, għall-finijiet tal-istħarriġ li trid tagħmel f'din il-kawża u biex tindirizza l-ilmenti tar-rikorrenti, jkun biżżejjed li joħroġ li ċ-ċessjoni tal-ishma fil-Bank min-naħa tar-rikorrenti kienet waħda mġegħela ("*compulsory*"). Biex jidħol fis-seħħ il-ħarsien tal-jedd imħares fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni mhuwiex meħtieġ li t-teħid tal-pussess tal-ġid ikun riżultat ta' vjolenza jew tehdid fuq is-sid li jintalab jitlaq il-ġid minn taħt idejh;

Illi mix-xhieda mressqa f'din il-kawża u fl-oħrajn li kienu mexjin magħha, ħareġ b'mod konsistenti li ċ-ċessjoni tal-ishma min-naħa tar-rikorrenti jew tal-awturi tagħhom kien imħeġġeġ, saħansitra minn uffiċjali tal-Bank innifsu, bħala egħmil inevitabbli fiċ-ċirkostanzi li bis-saħħa tiegħu setgħu jkunu salvati l-impiegi tal-ħaddiema tal-Bank innifsu u d-

depożiti tal-klijenti tiegħu. L-alternattiva kienet li l-azzjonisti jibqgħu jżommu l-ishma u l-Bank jitħalla għal riħu. L-intimati ma merew xejn minn dawn il-provi. Għall-kuntrarju, joħroġ ċar ukoll mill-istess atti proċesswali li ċ-ċessjoni tal-ishma (fi kwota ta' mhux anqas minn tnejn minn kull tlieta tal-interess azzjonarju kollu tal-Bank) kienet kundizzjoni li l-Gvern innifsu impona biex jikkonsidra li jniedi l-proċeduri biex jikseb it-tmexxija tal-Bank f'idejh;

Illi meħud f'dan il-qafas, il-Qorti ssib li l-mod kif r-rikorrenti ċedew l-ishma li kellhom fil-Bank kien jikkostitwixxi teħid obbligatorju ta' ħwejjiġhom, ukoll jekk dak it-teħid kien maħsub għall-ġid usa' tal-interessi tal-impjegati tal-Bank u kif ukoll, b'mod partikolari, fl-interessi tad-depożitanti tiegħu. Fuq kollox, fiż-żmien li saret dik iċ-ċessjoni, ma kien hemm l-ebda liġi fis-seħħ li tiżgura l-ħlas ta' kumpens għal dak it-teħid: għall-kuntrarju, l-kundizzjoni li ntgħamlet mill-Gvern kienet li dawk li (bħar-rikorrenti) kienu jagħżlu li jċedu jew jassenjaw l-ishma tagħhom fil-Bank kienu jridu jagħmlu dan bla ma jistennew ħlas ta' kumpens. Minn dan toħroġ l-obbligatorjeta' fit-teħid tal-ġid. Minbarra dan, lanqas kien hemm liġi li tiggarantixxi lil dawk l-azzjonisti aċċess għal qorti jew tribunal biex jiddetermina l-interessi tal-azzjonisti u l-ammont tal-kumpens li seta' jkun lilhom dovut. Ir-rimedju "ordinarju" li l-azzjonisti kellhom kien wieħed li jipprova jattakka s-siwi taċ-ċessjoni tal-ishma – kif sar fil-kawża miftuħa f'isem uħud minnhom u li kienet miexja ma' din il-kawża – iżda mhux li jitlob il-ħlas tal-kumpens xieraq;

Illi, minbarra dan, fil-fehma tal-Qorti l-fatt li l-miżuri meħuda mill-Gvern kienu maħsuba biex jevitaw ħsara akbar lil għadd kbir ta' persuni (depożitanti u impjegati) u jbiegħdu malajr kemm jista' jkun it-theżhiż fil-qasam ekonomiku ta' Malta (tant li fil-Parlament dawn il-miżuri ssejħu bħala "*salvage operation*" li qablet magħha saħansitra l-Oppożizzjoni ta' dak iż-żmien[74]), ma kienx jeħles lill-Gvern milli jagħmel dak li kien meħtieġ li jsir bla ma jitfa' piż mhux proporzjonat fuq l-azzjonisti. Fil-fehma

[74] Ara Dibattitu Parlamentari – Seduta 30.1.1974, f'paġ. 2044 tal-proċess

tal-Qorti, tali piż intefa' bil-fatt li, wara li xejjen is-setgħat li l-azzjonisti seta' kellhom fuq il-Bank, għadda t-tħaddim tal-istess Bank u l-assi u l-passiv li kellu lil bank kummerċjali ieħor li nħalaq apposta biex jieħu l-assi u t-tmexxija tal-interessi kollha tal-NBM u l-Bank ta' Tagliaferro. Dan kollu wkoll sar bla ma ngħata l-ebda kumpens lill-azzjonisti;

Illi fis-sottomissjonijiet tagħhom[75], l-intimati jisħqu li ma kien hemm l-ebda teħid obbligatorju tal-ġid tar-rikorrenti. Joqogħdu fuq l-argument li kienet għaddiet riżoluzzjoni f'laqgħa msejħa mill-Bank għall-azzjonisti tiegħu li tgħid li kien hemm qbil li l-ishma jkunu ċeduti lill-Gvern bla ħlas. Jgħidu li dawk mir-rikorrenti jew l-awturi tagħhom li qagħdu għal dik ir-riżoluzzjoni u għażlu li jċedu l-ishma tagħhom favur il-Gvern għamlu dan minn rajhom u mhux għaliex kienu mġiegħla. Huwa minnu li l-għażla ma kenitx ordni u li, minkejja r-riżoluzzjoni, kien hemm azzjonisti li ma segwewhiex. Iżda bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' wieħed jgħid li l-azzjonisti li ċedew l-ishma tagħhom għamlu dan bla ma qiesu l-kuntest li fih saret dik ir-riżoluzzjoni. Bla ma toqgħod ittenni l-istess konsiderazzjonijiet, il-Qorti tirreferi għal dak li ssemma aktar 'il fuq dwar l-aspett tal-obbligatorjeta' tat-teħid tal-pussess;

Illi l-intimati jgħidu li ma kien hemm l-ebda għażla oħra fiċ-ċirkostanzi jekk mhux it-teħid tal-ishma tal-bank bla ħlas. Ir-rikorrenti jgħidu li kien hemm soluzzjoni oħra iżda l-intimati għażlu li ma jħalluhiex tittieħed. F'kull każ, il-Qorti hija tal-fehma li, ġraw kif ġraw l-affarijiet u kien hemm jew ma kienx hemm soluzzjonijiet oħra (wara l-fatt mhux ħaġa iebsa li wieħed ikollu dehen aħjar li ma jkunx jidher waqt li l-qiegħa tkun għadha sħuna), n-nuqqas sħiħ ta' għoti ta' kumpens lir-rikorrenti jew l-awturi tagħhom hu ċirkostanza li tixhed l-imsemmi nuqqas ta' proporzjonalita'. Huwa mgħallem f'dan ir-rigward li "*the taking of property without payment of an amount reasonably related to its value will normally constitute a disproportionate interference. However, legitimate objectives of 'public interest may call*

[75] Nota ta' sottomissjonijiet, f'paġġ. 2527 – 8 tal-proċess

*for less than reimbursement of the full market value'. A total lack of compensation can be considered justifiable only in exceptional circumstances. Such a lack of compensation does not make a deprivation eo ipso wrongful, provided that the interference in question satisfies the requirement of lawfulness and is not arbitrary. Decisive is, whether in the context of a lawful expropriation a disproportionate and excessive burden has been imposed on the individual. This requires an overall examination of the various interests in issue, b(e)aring in mind that the Convention is intended to safeguard rights that are 'practical and effective'. Therefore, it is necessary to look behind appearances and investigate the realities of the situation complained of. That assessment may involve not only the relevant compensation terms, but also the conduct of the parties. In that context uncertainty is a factor to be taken into account in assessing the State's conduct. Public authorities have to act in good time as well as in an appropriate and consistent manner*"[76];

Illi tressaq l-argument min-naħa tal-intimati li dak li għamel il-Gvern kien tabilħaqq fl-interess pubbliku u kien ukoll fl-interess tal-istess rikorrenti safejn dawn (jew uħud minnhom) kellhom flejjes jew depożiti fil-Bank. Il-Qorti, filwaqt li tagħraf li jista' jkun minnu li dan kien il-każ, ma jidhrilhiex li b'daqshekk il-Gvern ħeles lilu nnifsu milli jqis l-għoti ta' kumpens għat-teħid tal-ishma. Ma kienx meħtieġ li l-kumpens ikun stabilit maċ-ċessjoni, għaliex kien ikun biżżejjed li jinħalaq mekkaniżmu jew kriterju ta' kumpens wara l-fatt u wara li l-qagħda tkun ikkalmat. Iżda li ma jkun kunsidrat l-ebda għamla ta' kumpens minkejja kollox u bħallikieku dak li sar tar mar-riħ, ma joqgħodx fil-parametri ta' eċċezzjonalita' u tan-nuqqas ta' ndħil sproporzjonat li jissemma fis-silta ta' hawn fuq[77] u għalhekk il-Qorti ssaħħaħ il-fehma tagħha li minn dan l-aspett ir-rikorrenti wkoll għandhom tabilħaqq għaliex

[76] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006), § 17.4.2, f'paġġ. 882 – 3

[77] Ara, f'dan ir-rigward, Kost. **10.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Bezzina Wettinger et vs Kummissarju tal-Artijiet*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.i.312**)

jilmintaw[78]. Effettivament, jidher li dan huwa l-ilment ewlieni tagħhom illum il-ġurnata;

Illi ħareġ ukoll li sa ma r-rikorrenti jew l-awturi tagħhom intalbu jċedu l-ishma tagħhom fil-Bank, l-istess Bank kien ġid tal-privat. Hekk kif saru ċ-ċessjonijiet, l-interess u l-jeddijiet marbuta mal-istess ishma għaddew f'idejn il-Gvern (rappreżentat mill-Kumitat ta' Amministrazzjoni). Aktar 'il quddiem, f'Marzu, dawk l-interessi u dawk il-jeddijiet għaddew f'idejn entita' li kienet kontrollata u miżmuma b'mod maġġoritarju mill-Gvern. Għalhekk, iċ-ċessjonijiet u t-trasferiment sussegwenti jikkostitwixxu t-teħħija tal-pussess u t-tgawdija minn persuni privati favur l-awtorita' pubblika. Fiż-żewġ każijiet tal-imsemmija trasferimenti, ma ngħata l-ebda kumpens lir-rikorrenti jew l-awturi tagħhom;

Illi r-rikorrenti jżidu jargumentaw li ġarrbu ksur tal-jedd fundamentali tagħhom għat-tgawdija paċifika ta' ħwejjiġhom għaliex it-teħid tal-ishma seħħ bla ma kien hemm liġi fis-seħħ li tirregola dak it-teħid[79]. Huma jgħidu li, minflok ma l-Gvern ħaddem il-liġi li kienet fis-seħħ dak iż-żmien – l-Att tal-1970 dwar il-Kummerċ Bankarju – u mexa magħha, qabad u għadda mill-istadji kollha tagħha liġi mfassla apposta għall-każ f'seduta waħda tal-Parlament. Minbarra f'dan, hekk kif għaddiet mill-fażijiet kollha, fi ftit ġimgħat reġgħet inbidlet biex tadatta għaċ-ċirkostanzi kollha li kienu manifestaw irwieħhom sa dak inhar. Jissottomettu li dan il-metodu ta' egħmil ta' liġi ma kien xejn għajr *messa in scena* biex illegalita' tinsatar taħt il-kisja tal-legalita'. B'dan il-mod, ir-rikorrenti jgħidu li ġiet nieqsa l-prevedibilita' tal-liġi li hija rekwiżit meħtieġ għall-ħarsien tal-jedd maħsub fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni; reġa' ma sar l-ebda provvediment dwar il-ħlas ta' kumpens; u, fuq kollox, kienet liġi magħmula għall-każ speċifiku. Dwar din il-liġi din il-Qorti ntalbet tagħti l-ġudizzju u l-fehma tagħha fil-kawża kostituzzjonali l-oħra li tressqet u nstemgħet flimkien ma' din u għalhekk l-

---

[78] Ara Kost. **2.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Allied Newspapers Ltd. vs Avukat Ġenerali et*** (Kolleż. Vol: **LXXXVII.i.514**)
[79] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 2467 – 9 tal-proċess

osservazzjonijiet tagħha dwar dik il-liġi tagħmilhom f'dik il-kawża[80];

Illi r-rikorrenti ressqu b'mod elaborat u mirqum argument ieħor biex juru li huma ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Dan jirrigwarda l-kwestjoni ta' kif l-intimati, b'mod partikolari l-Kunsill ta' Amministrazzjoni intimat, lagħbu biċ-ċifri biex jonfħu l-ammont ta' djun li kellu l-Bank fiż-żmien taċ-ċessjoni tal-ishma ħalli jidher li l-Bank ma kienx f'qagħda tajba[81]. Ir-rikorrenti jsejsu l-argumenti tagħhom b'dak li ħareġ mill-konklużjonijiet milħuqa mill-perit komputista mqabbad mill-Qorti fiż-żewġ rapporti mressqin minnu. L-għan tar-rikorrenti kien biex juru li ma kienx minnu li l-Bank kien midjun jew li d-dejn tiegħu kien jisboq l-assi. Mingħajr ma din il-Qorti tidħol fir-reqqa f'din il-kwestjoni – li jidhrilha li hija pertinenti għall-finijiet tal-kejl li jista' jittieħed fl-għoti tar-rimedju li jista' jingħata lir-rikorrenti meta titqies it-tieni talba tagħhom (ladarba din is-sentenza hija limitata biss għall-kwestjoni tad-determinazzjoni dwar jekk seħħx tassew ksur ta' jedd fundamentali) – hija tqis li jkun biżżejjed li jingħad li l-manuvri li jixlu bihom lill-Kunsill intimat saru wara li r-rikorrenti jew l-awturi tagħhom kienu ċedew l-ishma lill-Gvern. Minn qabel dak iż-żmien, il-Gvern kien iddikjara li l-kundizzjoni li jidħol għat-tmexxija tal-bank kienet li l-ishma jingħataw bla ħlas ta' kumpens jew korrispettiv. Għalhekk, f'din l-istanza, l-Qorti tqis li s-siwi tal-imsemmi argument huwa wieħed marġinali għad-determinazzjoni tal-istħarriġ tal-ksur ta' jedd imġarrab mir-rikorrenti;

Illi l-intimati jisħqu li meta l-azzjonisti ntalbu jċedu l-ishma li kellhom fil-Bank il-qagħda tal-istess Bank kienet mgħarrqa tant li tista' tgħid kien fallut. Minħabba f'hekk, iżidu jgħidu li l-Gvern ħa riskju qawwi li jieħu t-tmexxija tal-Bank f'idejh u li biex għamel dan investa flus pubbliċi biex ta kapital ġdid lill-impriża li kienet sejra titwaqqaf biex tkompli t-tmexxija. Il-Qorti tagħraf li l-qagħda mqanqla li nbniet fl-aħħar ġimgħat tal-1973 kienet tabilħaqq waħda fejn il-vijabilita' tal-Bank kienet twieżen fuq xifer irdum u li,

---
[80] Rik. Nru. 389/92JRM
[81] *Ibid.*, f'paġġ. 2503 sa 2513 tal-proċess

minn ħin għal ieħor, sata' jagħlaq il-bibien għan-negozju fost klima aktar inċerta mkebbsa mill-paniku ġenerali li kien inħalaq u li nfirex f'qasir żmien. Imma l-Qorti tqis ukoll li l-istess ġid li kellu l-Bank f'dawk il-jiem (fosthom ġid immobbli u sedi ta' fergħat) ittieħed ukoll mill-Gvern hekk kif l-azzjonisti ċedew l-ishma tagħhom. Dak il-ġid intuża b'mod vantaġġuż kemm fiż-żmien li l-Bank kien qiegħed jitmexxa mill-Kumitat ta' Amministrazzjoni u kif ukoll meta l-operazzjoni għaddiet għand il-Bank of Valletta (għaliex il-kuntratt tat-22 ta' Marzu, 1974, kien jistipula li l-assi u d-djun tal-Bank inkisbu mill-bank il-ġdid). Tqis ukoll li, sa mill-ewwel żminijiet li t-tmexxija tal-Bank għaddiet f'idejn il-Gvern, in-negozju kien wieħed stabbli, qawwi u, fuq kollox, kien konsistentement jirrendi qligħ. Dan ukoll – u b'aktar konsistenza – baqa' jsir wara li l-assi nkisbu mill-Bank of Valletta. F'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet magħmula mir-rikorrenti fin-Nota tagħhom[82];

Illi fil-fehma tal-Qorti, dan kollu jfisser ħaġa waħda: li għalkemm huwa minnu li fiż-żmien taċ-ċessjoni min-naħa tar-rikorrenti jew tal-awturi tagħhom, l-ishma fil-Bank ma kellhomx aktar valur negozjabbli minħabba l-qagħda ta' nuqqas ta' likwidita' tal-Bank, madankollu hija ħaġa daqstant ieħor ċerta li l-ġid li kien hemm fil-Bank kien ġid sostanzjali (fis-sottomissjonijiet tagħhom ir-rikorrenti jsejħulu "proprjeta' attwali"[83]) li kien jisboq l-ammont tal-passiv u d-djun li seta' kien hemm. Kien ġid li kien jiswa (kemm bħala valur intrinsiku u kif ukoll bħala utilita') u sewa tassew ukoll fit-tmexxija tal-impriża l-ġdida li ssoktat il-ħidma tal-bank. Kien ġid li ħareġ minn idejn l-azzjonisti u li tiegħu ma ngħataw l-ebda kumpens;

Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma sħiħa li r-rikorrenti tassew ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom imħares bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni għaliex il-mod tat-teħid tal-ishma tagħhom (u, konsegwentement, tal-ġid rappreżentat minn dawk l-ishma) sar bi ksur ta' l-aktar elementi bażilari li jitlob dak l-artikolu;

---

[82] Paġġ. 2502 – 3 tal-proċess
[83] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 2459 tal-proċess

Illi **għal dak li jirrigwarda l-ilment dwar ksur tal-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni** l-Qorti tinnota li r-rikorrenti ma jsemmu xejn fis-sottomissjonijiet oriġinali u estensivi tagħhom dwar il-ksur ta' dan il-jedd. L-intimati jirrilevaw dan il-fatt, iżda mbagħad jgħaddu biex iressqu sottomissjonijiet dwar l-allegazzjoni tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti ressqu sottomissjonijiet dwar l-aggravju tagħhom taħt dan l-artikolu meta ressqu r-Replika għan-Nota Responsiva tal-intimati[84];

Illi l-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni, fil-partijiet rilevanti tiegħu, jgħid li: "*(1) Ħlief bil-kunsens tiegħu stess jew bħala dixxiplina tal-ġenituri ħadd ma għandu jiġi mfixkel fit-tgawdija tal-liberta' tiegħu ta' għaqda u assoċjazzjoni paċifika, jiġifieri, d-dritt tiegħu li jingħaqad paċifikament u liberament u jassoċja ma' persuni oħra u b'mod partikolari li jifforma jew jappartieni lil trade union jew unions jew assoċjazzjonijiet oħra għall-protezzjoni ta' l-interessi tiegħu*....";

Illi r-rikorrenti jisħqu li l-jedd li jgawdu l-assoċjazzjoni tagħhom bħala azzjonisti tal-Bank inġab fix-xejn bil-mod kif imxew l-intimati sa ma ħadu l-Bank f'idejhom. Jgħidu li dan jgħodd kemm għal dawk l-azzjonisti (bħar-rikorrenti) li ċedew l-ishma tagħhom fil-Bank u wisq aktar għal dawk li webbsu rashom u żammew l-ishma tagħhom;

Illi l-intimati, min-naħa tagħhom, jgħidu li l-artikolu 42 ma jgħoddx għar-rikorrenti fil-kwalita' tagħhom ta' azzjonisti ta' kumpannija (il-Bank). Jisħqu li r-rikorrenti kienu eżerċitaw il-jeddijiet tagħhom liberament u ma sar xejn li żammhom milli jagħmlu l-għażliet li dehrilhom li kien jaqblilhom jagħmlu. Huma jgħidu li, f'kull każ, ħadd ma fixkel lill-istess rikorrenti milli jingħaqdu bħala azzjonisti f'kumpannija u lanqas ħadd ma ġegħilhom jinħallu minnha. Mhux hekk biss, imma l-istess rikorrenti (flimkien ma' oħrajn) daħlu f'assoċjazzjoni oħra (NBMI) sewwasew bil-ħsieb li kollettivament jiġġieldu għall-pretensjonijiet tagħhom dwar iċ-ċessjoni tal-ishma tagħhom fil-Bank;

---

[84] Ara Replika f'paġġ. 2566 – 7 u 2576 – 8 tal-proċess

Illi l-jedd tal-assoċjazzjoni jimxi fuq il-presuppost tal-jedd li wieħed jinġema' ma' ħaddieħor ("*freedom of assembly*"). Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet li tressqu quddiem il-Qrati tagħna, l-invokazzjoni tal-ksur tal-jedd taħt dan l-artikolu saret jew fejn persuni ma tħallewx jinġemgħu biex jimmanifestaw[85], jew inkella fil-qasam ta' ħidma sindakali[86], jew saħansitra fejn jidħlu jeddijiet ta' ħaddiema fuq il-post tax-xogħol tagħhom u t-teħid ta' azzjonijiet industrijali b'ħarsien tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom[87]. Imma l-Qorti tifhem li dan ma jfissirx li l-jedd għall-assoċjazzjoni ħielsa jgħodd biss għal min irid jgħaqqad jew jingħaqad fi *trade union*, f'partit jew moviment politiku jew min irid joqgħod jipprotesta paċifikament jew jimxi ma' oħrajn fit-toroq u l-imsieraħ;

Illi l-awturi jgħallmu li "*An autonomous meaning is to be assigned to the word 'association'. The legal form chosen and the legal consequences attached thereto by national law cannot be decisive here, since otherwise the guarantee of Article 11 might be rendered illusory by the national legislature. ... The most important aspect of the right of the right to freedom of association is that citizens should be able to create a legal entity in order to act collectively in a field of mutual interests. Without this, the right would have no meaning. An association is a legal entity, intended to operate as such in a specific area. The right to freedom of association impliex the right to form oneand it includes the right not to be forced to be a member of an association*"[88];

Illi madankollu, mhux kull xirka jew għaqda ssir 'assoċjazzjoni' għall-finijiet tal-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni. B'hekk "*the mere existence of separate legal status for an institution beyond that of its individual members will not necessarily implicate Article 11(1)*"[89]. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, jista' jkun

[85] Ara b'eżempju, Kost. **23.4.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Ġanni Camilleri et*** (Deċiżjonijiet Kostituzzjonali 1964 – 1978 (Għ.S.L. 1979) Vol I paġġ. 4 *et seq*

[86] Kost. **31.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Malta Union of Teachers et vs Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.i.473**)

[87] Kost. **30.11.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Walter Cuschieri et vs Onor. Prim Ministru*** ((Deċiżjonijiet Kostituzzjonali 1964 – 1978 (Għ.S.L. 1979) Vol II paġġ. 570 *et seq*

[88] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op. cit*, § 15.4, f'paġġ. 824 – 5

[89] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġ. 421

hemm dubju kemm ir-rikorrenti bħala azzjonisti jistgħu jitqiesu bħala ‘assoċjazzjoni’ għall-finijiet tal-jedd imħares taħt l-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni. B’żieda ma’ dan, il-Qorti ma setgħet issib xejn mill-atti proċesswali li jwassalha biex tikkonkludi li l-istess rikorrenti (li kieku kellhom kollettivament jitqiesu tabilħaqq bħala ‘assoċjazzjoni’) iċċaħħdu milli jibqgħu hekk imxierka, jew fejn għaliex huma kienu hekk imxierka, ġarrbu xi ksur tal-imsemmi jedd;

Illi dan joħroġ ukoll mis-sottomissjonijiet li ressqu r-rikorrenti nfushom għaliex, iddur kemm iddur ma’ dawk l-argumenti, l-ilment jibqa’ dejjem marbut maċ-ċirkostanza tat-teħid bla kumpens ta’ ħwejjiġhom u mhux mal-fatt li dan sar għaliex huma kienu assoċjati jew bi ksur ta’ dik l-assoċjazzjoni;

Illi għalhekk il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrenti ma seħħilhomx juru b’mod tajjeb biżżejjed li huma ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom ta’ assoċjazzjoni bil-fatt li ċedew l-ishma tagħhom fil-Bank lill-Gvern, u għaldaqstant l-ewwel parti tat-talba tagħhom safejn tirreferi għall-ksur allegat taħt l-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni mhijiex sejra tintlaqa’;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi:

Filwaqt li **tiċħad il-ħames u s-seba’ eċċezzjonijiet** tal-intimati billi mhux mistħoqqa, filwaqt li tastjeni milli tqis l-**ewwel, it-tieni, t-tielet u r-raba’ eċċezzjonijiet** li huma eżawriti;

**Tilqa’ l-ewwel parti tat-talba attriċi** u ssib li r-rikorrenti tabilħaqq ġarrbu ksur tal-jedd funadamentali tagħhom għall-ħarsien miċ-ċaħda ta’ proprjeta’ tagħhom bla kumpens kif imħarsa fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, iżda ma ssibx li huma seħħilhom juru li ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom għal-liberta’ ta’ għaqda jew assoċjazzjoni kif imħarsa fl-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni;

**Tilqa'** għalhekk limitatament **is-sitt eċċezzjoni** tal-intimati safejn tirrigwarda l-ilment dwar il-ksur tal-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni;

**Tordna li l-ispejjeż marbuta ma' din is-sentenza** jitħallsu mill-intimati solidalment bejniethom; u

**Tħalli l-kawża** għall-kontinwazzjoni dwar it-tieni talba tar-rikorrenti dwar ir-rimedju xieraq li jmissu jingħata għall-ksur imġarrab.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------